MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 161/2001/1

**Giorgio Farrugia**

**Vs**

**Victor Sacco u b'ordni tal-Qorti tal-14 ta' Novembru 2001 gie kjamat in kawza Joseph Taliana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm365.58) in linea ta' danni sofferti mill-attur stante incident awtomobilistiku li ssuccieda fl-1 ta' Novembru 2000 fi Pjazza San Luqa, Pieta stante li tali incident issuccieda tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 6 tal-atti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament il-pretensjoni ghall-hlas tad-danni reklamati mill-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur nnifsu.

2. Illi ghalhekk il-konvenut bhala konsegwenza kien sofra danni u ghalhekk qieghed jinqeda permezz ta' dina in-nota sabiex jipprezenta kontro-talba fir-rigward tal-pretensjonijiet tieghu prezentatati man-nota ta' eccezzjonijiet.

3. Salv eccezzjoni ohra ulterjuri.

Rat il-<u>kontro talba</u> tal-istess konvenut (fol 12 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-attur ghandu jigi kkundannat ihallas lill-konvenut is-somma ta' tnejn u disghin Lira Maltija (Lm92) rapprezentanti hsarat ikkagunati fil-vettura tal-Gvern GVN 008 liema hsarat gew ikkguanti fl-incident tat-traffiku li sehh fl-01 ta' Novembru, 2000, fi Piazza San Luqa, Hamrun bejn il-vettura misjuqa mill-attur EAV 989 u l-vettura GVN 008, u liema incident sehh unikament tort tan-negligenza, imperizija u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur.
2. Bl-ispejjez kontra l-attur li hu nferit ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess atti ghall-imsemmija kontro talba (fol 14 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident de quo sehh b'tort tan-negligenza,

imperizja, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
2. Illi, subordinatament ghas-suespost, l-eccipjenti m'ghandux ibaghti l-ispejjes ta' dina l-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors u digriet relattiv moghti fil-11 ta' Marzu 2002 (fol 18 u 19 ibid) u li bih gie kjamat in kawza Joseph Taliana.

Rat li l-istess kjamat in kawza qatt ma deher quddiem din il-Qorti sabiex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ippresenta nota tal-eccezzjonijiet bil-miktub (ara fol 29) waqt li in atti jinsab 'affidavit' tal-istess kjamat in kawza, liema 'affidavit' gie anness bhala prova skond digriet tas-6 ta' Frar 2004 (ara fol 28 u fol 29 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, il-Qorti ser taghmel referenza ghall-kontro talba sottomessa mill-konvenut Victor Sacco. Mill-atti u mill-provi li ngiebu a konjizzjoni tal-Qorti, jidher evidenti li l-vettura misjuqa mill-istess konvenut ma tappartjenix lilu izda lill-Gvern ta' Malta u ghalhekk il-konvenut hu nieqas minn interess kemm legali kemm bhala fatt sabiex jintavola din il-kontro talba u jitlob danni f'ismu personalment. Konsegwentement, it-talba kif dedotta mill-istess kontro talba u maghmula mill-konvenut personalment ghandha tigi michuda mill-Qorti motu proprio'.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 30 u fol 31 ibid) spjega li l-incident in esami gara fil-pjazza quddiem l-Isptar ta' San Luqa f'Gwardamangia (Pieta'). Meta ra li quddiemu kien hemm vettura ohra wieqfa, hu, kompla jsuq u beda jghaddi bejn din il-vettura fuq il-lemin tieghu u vetturi ohra parkeggati fuq ix-xellug tieghu. Difatti dan jidher mill-kopja tal-iskizz tal-incident in esami, li tinsab a fol 5 ibid bil-vettura

misjuqa minnu aventi n-numru EAV 989. Waqt li qed jaghmel dan, u sema' hoss ta' daqqa minhabba li kien jidher li nfethet bieba tal-istess vettura mieqfa u din laqtet dik misjuqa minnu . Hawnhekk l-attur specifika li l-istess bieba kienet infethet minn Joseph Taliana, l-kjamat in kawza, li kien riekeb fuq in-naha ta' wara u hareg mill-vettura b'pakkett f'idu. Skond l-istess attur, l-kjamat in kawza, kien accetta, minnufih, ir-responsabilita tieghu f'dan l-incident (ara ukoll ix-xhieda ta' Paola Farrugia, mart l-attur, a fol 33 tal-atti).

Ikkunsidrats

Illi, f'dawn il-proceduri, l-konvenut ma xehedx. Pero in atti jinsab 'affidavit' tal-kjamat in kawza, liema dokument gie anness, biss, bhala prova moghtija minn xhud stante li Joseph Taliana, avolja ma kkontestax skond il-ligi, t-talbiet attrici, xorta wahda fil-fehma tal-Qorti, seta' jixhed dwar ir-responsabilta' o meno, tal-konvenut. Skond l-istess 'affidavit' jdiher li l-konvenut kien insista mieghu sabiex jara jekk kienx hemm karozzi ohra qabel ma jiftah il-bieba.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti, jidher evidenti li l-attur ma ghandu ebda tort ghal dan l-incident stante li l-Qorti ma rriskontrat ebda negligenza fis-sewqan da parti tieghu. Illi mill-istess provi lanqas ma jidher li hemm xi responsabilta', da parti tal-konvenut, li kien qed jsuq il-vettura tal-Gvern ta' Malta. Pero' jidher evidenti ukoll illi Joseph Taliana fetah l-imsemmija bieba minghajr ma accerta ruhu li ma kienx ghaddej traffiku fuq it-triq fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk ir-responsabbilta ta' dan l-incident ghandha tigi attribwita lin-nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-istess kjamat in kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont pretiz bhala danni mill-attur jinsab sufficjentement pruvat mill-ircevuti esebiti minnu a fol 32 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tichad dak mitlub mill-konvenut fl-imsemmija kontro talba kif ukoll it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Sacco, tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza, Joseph Taliana u:

1. tiddikjara lill-istess kjamat in kawza bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-kjamat in kawza.
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ LM365.58 u;
3. tikkundanna lill-kjamat in kawza Joseph Taliana sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm365.58 bl-imghax legali mill-14 ta’ Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------